MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Numru. 234/2005

**Il-Pulizija**
**Supretendent Mario Bonello**

**vs**

**Johan Vella**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Johan Vella, iben Mario u Rita nee` Zahra imwieled il-Pieta` fil-11 ta` Dicembru, 1980 u residenti 141, Fleet Street, Gzira u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 569580 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

Fit-12 ta` Marzu, 2005 ghall-habta tat-3.30 pm, gewwa l-ground nazzjonali ta` Qali waqt il-partita bejn B`Kara u M`Xlokk, l-imputat kien wera imgieba abbuziva billi:-

a) Bil-hsieb li jaghmel feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Raymond Catania, wera dan il-hsieb b`atti esterni u kien ta bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu.

b) Hebb ghal Raymond Catania u kien ikkagunalu griehi ta` natura hafifa fuq il-persuna tieghu skond kif kien iccertifika Dr. Raymond Borg M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

Il-Qorti kienet mitluba li minhabba li taghti l-piena skond il-ligi, tissospendi lill-imsemmi Johan Vella milli jidhlu fi ground sportiv ghall-perjodu li jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 15 ta’ Marzu, 2005 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti ta’ l-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-14 ta’ Marzu, 2005 (a *folio* 3 tal-process) ai termini ta’ l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ fit-12 ta’ Marzu 2005, ghall-habta tat-3.30pm gewwa l-ground nazzjonali ta’ Ta’ Qali waqt li kienet qed tintlab partita tal-football bejn B’Kara u Marsaxlokk. Mill-provi rrizulta li wara din il-partita kellha tintlaghab partita ohra bejn it-tim ta’ tas-Sliema u xi

tim iehor. Kien hemm xi partitarji tat-tim ta' tas-Sliema, fosthom l-imputat, li kienu qed jistennew il-partita taghhom tibda u kienu qeghdin fuq l-istess naha tal-partitarji ta' Birkirkara. Inzerta li fil-partita ta bejn Marsaxlokk u B'Kara skurjaw Marsaxlokk u peress li f'dak il-kampjunat it-tim ta' Tas-Sliema u t-tim ta' Marsaxlokk jidher li kienu qed jissieltu kontra xulxin ghar-rebh tal-kampjunat u ghalhekk it-tim ta' Tas-Sliema kien jaqbillu li jitilfu Birkirkara, is-supporters ta' Tas-Sliema bdew jghajtu u jifirhu mal-goal tat-tim ta' Marsaxlokk. L-allegat vittma Raymond Catania li xehed fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2005, spjega li huwa kien partitarju tat-tim ta' Birkirkara u li kien qed isegwi l-partita bejn Birkirkara u Marsaxlokk flimkien ma' martu u ibnu u xi membri ohra tal-familjla tal-mara tieghu. Huwa jghid ukoll li meta skurjaw Marsaxlokk il-partitjarji tat-tim ta' tas-Sliema bdew jghajru lil partitarji ta' Birkirkara u huwa kellu argument ma persuna li kien  bil-qeghda tlett seats quddiemu, liema persuna ma kienx l-imputat. Raymond Catania jghid li huwa spicca b'wiccu bid-demm u kellhom isirulu xi punti izda jghid li ma jafx min kienet il-persuna li tatu daqqa ghaliex id-daqqa qalaghha minghand persuna li kien qieghed warajh izda qal ukoll li l-mara tieghu kienet qaltlu li kienet rat lill-imputat jaghtih id-daqqa. In kontro-ezami Raymond Catania kompla jsostni li huwa d-daqqa zgur minn wara qalaghha u mhux minn quddiem jew mill-gemb.

Anna Catania, mart l-imputat, li wkoll xehdet fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2005, qalet li waqt l-partita Birkirkara u Marsaxlokk meta skurjaw it-tim ta' Marsaxlokk u bdew jghajruhom il-partitarji ta' tas-Sliema zewgha li kien bil-qeghda hdejha kellu argument ma persuna li kien bil-qeghda quddiemu u ssostni li l-imputat li kien warajhom gie minn wara r-ragel taghha u tah daqqa bil-gibs li kellu f-idejh. In kontro-ezami izda Anna Catania qalet li hija fil-fatt ma kienitx rat lill-imputat jaghti d-daqqa lil zewgha ghaliex dak il-hin kienet marret tghid lil Puilizjia sabiex isiktu lil partitiarji ta' Tas-Sliema u qalet li kienu r-ragel t'ohtha u t-tifel t'ohtha li qalulha li kien l-imputat li fajjar daqqa lil zewgha.  Eugenio Micallef li xehed fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2005 spjega li huwa r-ragel ta oht Anna Catania u qali li huwa kien qed jara l-partita bejn B'Kara u

Marsaxlokk flimkien ma martu u ibnu u kien qieghed bil-qeghda aktar il-fuq minn Raymond u Anna Catania. Huwa jghid ukoll li l-imputat kellu xi jghid ma persuna li kien bil-qeghda quddiemu u jispjega li huwa ra lill-imputat li kien bil-qeghda ezatt wara Raymond Catania jaghti daqqa minn wara lil dan tal-ahhar. Dawn it-tlett xhieda appena citati it-tlieta jichdu li Raymond Catania kellu xi tazza tal-birra f'idejh jew li huwa kien waddab din it-tazza lejn il-persuna li maghha kellu argument.

L-imputat xehed f'dawn il-proceduri fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2007 fejn ta l-istess verzjoni tal-fatti minnu moghtija a tempo vergine meta huwa rrilaxxja stqarrija lil Pulizjia (esebita *a folio* 16 u 17 tal-process fejn huwa sostna li waqt li kienet qed tintlaghab il-partita bejn B'Kara u Marsaxlokk huwa kien fil-parti t'isfel tal-ground hdejn il-fence u dan ghaliex kien qed jagixxi ta' steward mal-partitarji tat-tim ta' tas-Sliema. Huwa ra li aktar il-fuq fil-gradinati kien inqala' incident bejn supporter ta' Birkirkara, li wara rrizulta li kien Raymond Catania, u supporter ta' Tas-Sleima, u Catania waddab tazza birra li kellu f'idu lejn din il-persuna li kien quddiemu. L-imputat jghid li huwa tela' l-gradinati sabiex jara x'gara u sab lil Catania mal-art bid-demm ma wiccu u ghalhekk huwa rega nizel l-isfel. Din il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat hija koroborata minn xhud minnu prodott, u cioe' Paul Vella li wkoll xehed fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2007.

Minn ezami bir-reqqa tal-provi migjuba kemm mill-Prosekuzjoni kif ukoll mid-Difiza jirizulta kunflitt car bejn il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Raymond Catania, minn martu u minn Eugenio Micallef u dik moghtija mill-imputat u x-xhud minnu prodott. Jirrizulta kunflitt anki bejn dak li qalu t-tlett xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ghaliex filwaqt li Raymond Catania jghid li martu kienet qaltlu li hija kienet rat lill-imputat jaghtih id-daqqa, mart Raymond Catania l-ewwel qalet li kienet rat lill-imputat jaghti d-daqqa izda mbaghad in kontro-ezami ikkoregiet ruhha u qalet li kienu fil-fatt ir-ragel u t–tifel ta' ohtha li qalulha li kienu raw lill-imputat jigi minn wara zewgha u jaghtih daqqa. L-unika haga li qed jaqblu dwarha dawn it-tlett xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni hija li l-imputat kien

wara Raymond Catania u li huwa tah id-daqqa minn wara. F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li xehed PC 74 Mark Chetcuti li xehed fis-seduta tat-22 ta’ Marzu 2005 fejn dan ikkonferma li kien inqala’ incident bejn Raymond Catania u persuna li kien hemm quddiemu u kkonferma wkoll dak li qal l-imputat li Catania kien tefa’ t-tazza bil-birra lejn din il-persuna li kien hemm quddiemu. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li ezatt qabel ma nqala’ l-incident huwa kien ra lill-imputat aktar minn sitt seats l-isfel jew il-quddiem minn fejn inqala’ l-incident, u cioe minn fejn kien bil-qeghda Raymond Catania. Dan ix-xhud, li huwa xhud tal-Prosekuzzjoni, ghalhekk jikkorrobora uhud mill-fatti sostnuti mill-imputat, fis-sens li jikkonferma li l-imputat kien qieghed quddiem u mhux wara Rayomond Catania, u jikkonferma wkoll lli Catania tefa’ t-tazza bil-birra lejn il-persuna li kien quddiemu u li kellu l-argument mieghu.

Il-Qorti jidrilha li hemm kunflitt car u evidenti dwar dak li effettivament gara waqt l-incident u dwar il-mod kif Raymond Catania spicca ferut u principalment dwar jekk effettivament kienx l-imputat li fajjar id-daqqa lill-imputat. Tali dubju ghandu jimmilita favur l-imputat u ghalhekk il-Qorti jidrilha li ma jistghax jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha fl-konfronti tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi, u cioe’ minhabba kunflitt ta’ provi, l-Qorti qed tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement qed tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------